2 ta' Diċembru, 1952.
Imħallef:
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.
Il-Maestà tar-Reġina *versus* Joseph Galea

**Att ta' l-Akkuża — Nullità — Korrezzjoni ta' Żbalji — Art. 591 (1) u 593 (2) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-fatt li fl-att ta' l-akkuża jkun hemm diżarmonija bejn il-parti preliminari u t-talba minn banda l-waħda, u l-indikazzjoni ta' l-artikoli tal-liġi u l-piena speċifikatament mitluba mill-banda l-oħra, ma hux motiv ta' nullità ta' l-att ta' l-akkuża; imma jagħti lok għall-korrezzjoni ta' l-istess att.*

*Għax żbalji simili fl-att ta' l-akkuża jistgħu jiġu skond il-liġi debitament rettifikati, x'uħud minnhom qabel il-kontestazzjoni ta' l-akkużat u oħrajn waqt il-ġudizzju; u ma jimpurtawx ebda nullità.*

Il-Qorti — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 8914;

Rat b'mod speċjali d-delitt dedott fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża, u l-indikazzjoni ta' l-artikoli tal-liġi hemm imsemmija, kif ukoll it-talba dedotta;

Peress li mill-istess kap jidher ċar li hemm diżarmonija bejn il-parti preliminari u t-talba mill-banda l-waħda, u l-indikazzjoni ta' l-artikoli tal-liġi u l-piena speċifikatament mitluba in korrispondenza ma' dik l-istess deduzzjoni mill-banda l-oħra;

U peress li l-iżbalji fil-kap imsemmi mhumiex motiv ta' nullità ta' l-att ta' l-akkuża, in kwantu għal kap imsemmi; għaliex id-difetti u erruri kontenuti f'dak il-kap jistgħu skond il-liġi jiġu debitament rettifikati, x'uħud minnhom qabel il-kontestazzjoni ta' l-akkużat, u oħrajn waqt il-ġudizzju, u ma jistgħux jimpurtaw ebda nullità (ara Qorti Kriminali "Rex vs. Caterina Camilleri", 2 ta' Mejju 1905);

U billi dina l-Qorti għandha l-poter, anki "ex officio", li tordna kwalunkwe korrezzjoni meħtieġa u neċessarja f'dana

l-istadju — liema korrezzjoni hija ta' ġjovament għall-istess akkużat;

*Omissis;*

Rat l-art. 591 (1) u 593 (2) tal-Kodiċi Kriminali;

Tordna li fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża msemmi, fil-parti konklużjonali tiegħu, isiru dawn il-korrezzjonijiet u tħassir rispettivi :—

(a) Wara l-kliem "tax-xogħol iebes minn" jiġu mħassra l-kliem "sebgħa xhur sa sentejn", u l-istess jiġu sostitwiti bil-kliem "xahar sa sitt xhur";

(b) U wara l-kliem "fl-artikoli" jiġu mħassra ċ-ċiffri, ittri u sinjali tal-punteġġjatura hemm imniżżla, u jiġu sostitwiti biċ-ċiffri u ittra li ġejjin, id est "297 u 298";

U b'hekk tponi fini għall-inċident.